# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar, 2019**

**Numru 1**

**Citazzjoni numru: 741/03 LSO**

**Philip Aquilina u Oliver Aquilina**

**v.**

**Perit David Vassallo li b'digriet tat-3 ta' Awwissu 2003 gie nominat kuratur deputat ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Damon K. Rey u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2014 Pauline Hili giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza bhala mandatarja specjali tal-assenti Damon K. Rey minflok il-Perit David Vassallo**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-11 ta' Lulju 2013 illi qed tigi riprodotta ghall ahjar intendiment;

“**I. <u>PRELIMINARI.</u>**

“Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta’ Lulju 2003 fejn l-atturi esponew: -

“Illi l-atturi u l-konvenut dahlu f’kuntratt ta' appalt sabiex l-atturi jezegwixxu xoghol ta' tibjid u tikhil fil-fond Villa 1,2 units, Mdina Road, Balzan;

“Illi l-atturi bdew jezegwixxu x-xoghol li tqabbdu jaghmlu mill-konvenut u anki thallsu akkont tax-xoghol li ghamlu;

“Illi l-atturi gew imwaqqfin, abbuzivament u minghajr raguni valida fil-ligi, milli jkomplu l-appalt;

“Illi minhabba dan l-agir abbuziv u illegali da parti tal-konvenut l-atturi baqghu ma thallsux tax-xogholijet li ezegwew;

“Illi b'dan l-istess agir il-konvenut tellef lill-atturi l-profitti li kieku kienu jaghmlu kieku thallew ilestu x-xoghol skont il-kuntratt ta' appalt;

“Illi *a tenur* tal-artiklu 1640(2) tal-Kodici Civili, “*...jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skont ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel bl-appalt;”*

“Illi minkejja li l-konvenut kien interpellat diversi drabi dan baqa' inadempjenti;

“Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabblli Qorti *in vista* tal-premess:

“1. Tiddikjara li l-konvenut, abbuzivament u minghajr raguni valida fil-ligi, waqqaf lill-atturi milli jkomplu u jitterminaw l-appalt fuq imsemmi.

“2. Tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi talvolta likwidata, okkorrendo bl-opra tal-perit nominand, rapprezentanti x-xoghol li l-atturi lahqu ezegwew kif ukoll il-profitti li kienu jaghmlu l-atturi kieku thallew jikkompletaw ix-xoghol u dan *a tenur* tal-Artikolu 1640(2) tal-Kap. 16 kif fuq premess.

“3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata skont it-tieni talba.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali datati 25 ta' Gunju 2003 u 8 ta' Lulju 2003 u tal-mandat ta' sekwestru numru u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

“Rat ir-rikors ta’ Philip Aquilina et datata 22 ta’ Lulju 2003 (fol 7) fejn talab lill-Qorti joghgobha tinnomina kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-aventi Damon K. Rey fl-atti tac-citazzzjoni u l-atti kollha sussegwenti u relatati; u l-Qorti kif diversament preseduta rat in-nota tal-Perit David Vassallo u kkonfermat lill-istess Perit David Vassallo bhala kuratur ghall-finjijiet kollha tal-ligi kif jidher bid-digriet taghha moghti fit-13 ta’ Awwissu 2003 (fol 14).

“Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-27 ta’ Novembru 2003.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Perit David Vassallo *nomine* datata 19 ta’ Jannar 2004 (fol 20) fejn espona: -

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex kuntrarjament ghal dak li qed jallegaw l-atturi, qatt ma nghata lilhom kuntratt ta' appalt ghax-xoghol **kollu** ta' tibjid u tikhil fil-fond Villa 1, 2 units, Mdina Road, Balzan. Difatti l-atturi gew mqabbdin jaghmlu biss bicciet ta' xoghol separati u specifici fuq il-fond in kwistjoni f’okkazzjonijiet differenti mill-perit tal-konvenut *proprio*, fuq rati minnhom kwotati u approvati mill-istess Perit Vassallo.

“2. Illi l-atturi eccedew it-termini tal-appalti diversi lilhom moghtija billi minghajr ma qabbadhom hadd bdew ukoll jaghmlu xoghlijiet ohra minkejja li l-perit ma kienx approvalhom ir-rati taghhom ghal dan ix-xoghol addizzjonali.

“3. Illi l-konvenut *proprio* huwa dispost li jhallas biss ghax-xoghlijiet li kienu gew appaltati lill-atturi bl-approvazzjoni tal-perit u xejn iktar, jekk fadal xi bilanc mill-hlasijiet akkont li sarulhom **biss** ghax-xoghlijiet lilhom appaltati.

“4. Illi ghalhekk m'huma dovuti ebda danni lill-atturi ghaliex mhuwiex minnu li huma gew imwaqqfa milli jkomplu u jitterminaw l-appalt b'mod abbuziv u minghajr raguni, ghaliex huma twaqqfu biss milli jkomplu jaghmlu parti mix-xoghol li qatt ma gie appaltat lilhom.

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Godwin P Abela pprezentata r-registru fis-26 ta’ Jannar 2007 u mahlufa fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2007 a fol 35 tal-process.

“Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Gunju 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta regghet issejhet il-kawza dehret Dr. Veronica Galea Debono ghall-konvenuti li ddikjarat li hija toqghod ghall-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Tekniku u ziedet tghid li m’ ghandhiex sottomissjonijiet x’taghmel f’dan l-istadju. Rega’ gie

msejjah l-avukat tal-atturi li ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2007.

“Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta nkluz dak tas-27 ta’ Novembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Marzu 2013.

“Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ordni tal-istess Qorti il-kawza giet differita ghall-11 ta’ Lulju 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

“**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Ili din hija kawza ghall-hlas ta' xoghol imwettaq f'appalt li l-atturi jghidu li tqabbdu jaghmlu mill-konvenut nomine.

“Illi mill-provi johrog li l-l-atturi kienu ressqu lejn il-Perit biex dan jaghtihom xoghol fuq il-villel imsemmija fic-citazzjoni, u dan meta l-progett kien ghadu fi stadju bikri. Ix-xoghlijiet bdew f'Jannar 2003. F'dan l-istadju l-konvenut kien limitat dwar ix-xoghol li seta' jaghti lill-atturi u fil-fatt l-konvenut isostni li gew inkarigati biss fejn accetta r-rati taghhom u cioe' fil-*basement*, u fuq il-hitan tal-gnien. Jirrizulta wkoll li l-konvenut Perit Vassallo kellu ordnijiet cari minghand is-sid tal-fond li l-ispiza ghax-xoghol u *finishes* ma kellhiex tissupera l-ammont ta' Lm20,000, u dan abbazi ta' rati attwali fuq is-suq approvati mill-Perit. Ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il-kwalita' tax-xoghol maghmul u l-atturi thallsu Lm2,900 akkont, izda skont il-konvenut, ir-rati li l-atturi kienu ssottomettew ghar-rimanenti xoghlijiet kienu wisq gholjin u b'hekk qatt ma gew accettati. Madanakollu sab lill-atturi qed jahdmu fuq il-fond minghajr ma kien hemm ftehim fuq ir-rati applikabbli inkluz li ghamlu xoghol ta' kisi bil-*gypsum*. B'hekk il-Perit Vassallo waqqafhom milli jkomplu verbalment u anke bl-iskritt.[1] F'dan il-progett ighataw varjeta' shiha ta' xoghlijiet lil diversi kuntratturi, sija b'kuntratti formali, sija bi ftehim verbali,[2] izda dejjem fuq accettazzjoni tar-rati jew prezzijiet mis-sid jew il-perit ghan-nom tieghu.

“**Xehed l-attur Philip Aquilina**[3] li qal li sa Gunju 2003 huwa lahaq ghamel ix-xoghol tal-bjar, it-*tank* tas-*swimming pool,* il-hajt tal-gnien, ftit xoghol tal-fil fiz-zewg nahat tad-*drive-in,* is-soqfa ta’ *basement* wiehed, parti mill-katusi fit-triq ta’ barra, veranda fl-ewwel sular u xi mitejn metru soqfa bil-*gypsum,* kif ukoll beda x-xoghol ta’ xi vireg mal-blajjet u l-

[1] Ittra immarkata **Dok. 2** mad-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 23 tal-process.
[2] Vide **Dokumenti DVX3 sa' DVX 6** annessi mar-rapport tal-Perit Tekniku.
[3] Seduta quddiem il-Perit Tekniku Godwin Abela fit-30 ta’ April 2004.

koxox. Meta l-Perit waqqafhom mix-xoghol, kien qed isir ix-xoghol ta' kisi bir-ramel u siment fl-ahhar parti tat-tielet *basement*.

"Ma qabilx mar-rati ndikati mill-Perit, fis-sens li mhux minnu li x-xoghol normalment isir bir-rati li gew indikati minnu.

"**Xehed il-Perit David Vassallo**[4] u kkonferma li qatt ma kien ta appalt lill-atturi ghax-xoghol kollu ta' tibjid u tikhil fiz-zewg villel.

"Kien l-attur li kien ikkomunika mieghu l-ewwel biex jaghtih xoghol. Peress li l-*basement* kienet l-unika haga li giet kostruwita, il-Perit talbu biex jiktiblu r-rata tieghu tal-prezzijiet ghax-xoghol ta' kisi fir-rigward il-*basement.* Kien ukoll talab lill-attur biex imur l-ufficju tieghu u jiltaqa' ma' sid il-post li kien gie Malta.

"Meta l-attur lesta x-xoghol ta' kisi tal-*basement,* gie deciz li jkompli bit-tikhil tal-*boundary walls* dejjem jekk isir qbil fuq prezz. L-ghada, il-Perit accetta l-istima ghax-xoghol ta' tikhil tal-*boundary walls.* L-attur, fl-istess waqt, ipprezenta rati ohra. Il-Perit mill-ewwel qallu li r-rati ghall-kisi bil-*gypsum plastering* u tat-tibjid ghall-hitan ta' gewwa, kienu gholjin wisq u dlonk inaccettabbli, u saqsieh ghal rati ahjar. Sadanittant, l-attur kompla ghaddej bix-xoghol tal-*boundary walls* u bil-hitan tal-basement ghal xi tliet xhur.

"Bejn wiehed u iehor, fil-bidu ta' Gunju 2003, l-Perit kien imhabbat hafna fuq progett iehor u ma resaqx fuq il-post. L-attur minn rajh kesa s-soqfa tas-sular t'isfel tal-villa ta' wara bil-*gypsum plastering* bla ma qatt gie awtorizzat mill-Perit biex jaghmel dan ix-xoghol u minghajr ma kien ipprezenta rati godda ghal dan ix-xoghol, kif kien talbu jaghmel il-Perit.

"Hu kien spjega lill-attur li ma setax jeccedi l-*budget* li kien ftiehem mal-klijent tieghu u li ghalhekk ma setax jaccetta r-rati gholjin li kien tah. B'hekk, peress li ma kienx hemm qbil, ma kienx awtorizzah jaghmel xoghol ta' kisi u tibjid fuq gewwa, sakemm ma jaghtix rati godda.

"L-attur sussegwentement tah rati godda b'rati mnaqqsa b'mod insinifikanti. Ghalhekk il-Perit qallu biex jieqaf mix-xoghol ta' *gyypsum* hesrem u jkompli biss ix-xoghlijiet li fuqu kien sar qbil. L-atturi izda xorta komplew bix-xoghlijiet <u>wara</u> li l-Perit kien waqqafhom.

"**Xehed Damon K. Ray**[5], sid il-fondi, li qal li flimkien mal-Perit kien ghamel *budgets* fir-rigward il-flus li kellhom jithallsu ghal dan il-progett u kien importanti hafna li jzommu mieghu. B'hekk hu ried japprova kollox.

"Kien iltaqa ma' l-attur fl-ufficju tal-Perit u quddiemu stess, il-Perit kien talab lill-attur ghar-rati tieghu tax-xoghol bil-miktub. Fl-ebda stadju ma

[4] Affidavit a fol. 57 tal-process.
[5] Affidavit a fol. 68 tal-process

nghata l-awtorizzazzjoni lill-attur sabiex jezegwixxi xi xoghol fil-villa u lanqas ma nghata l-ideja li kien intaghzel biex jahdem fuq il-progett.

"**Xehed** Chris Muscat, bennej, fil-progett xehed fis-seduta tal-hdax ta' Mejju 2005 (a fol. 70 tal-process).[6] Darba, wara li l-attur kien beda jahdem fuq is-sit, kien sema' lill-Perit jghidlu li ma kienux ftehmu fuq il-prezzijiet tax-xoghol ta' *gypsum* u biex jieqfu jahdmu immedjatament minn dak ix-xoghol.

"**<u>Relazzjoni tal-Perit Tekniku</u>**[7]:

"Fil-kors tal-proceduri, din il-Qorti kif diversament presjeduta, innominat il-Perit Tekniku A&CE Godwin Abela[8].

"Il-Perit Godwin Abela pprezenta r-relazzjoni tieghu fis-26 ta' Jannar 2007 u jinsab ezebit a fol. 35 tal-process.

"Il-Perit Tekniku ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**1)** Kienu l-atturi li ressqu lejn il-Perit biex dan jaghtihom ix-xoghol. Dan sar fi stadju preliminari tal-progett meta l-kostruzzjoni kienet ghadha qed issir. B'hekk, il-Perit kien limitat hafna fir-rigward xoghol li seta' jaghti lill-atturi, izda dan sar fejn kien hemm qbil fuq ir-rati jew prezzijiet;

"**2)** L-atturi ltaqghu mal-Perit u mas-sid ghall-habta ta' Jannar 2003 u gew mitluba jissottomettu rati bil-miktub;

"**3)** L-ghada tal-laqgha l-atturi marru ghax-xoghol fuq is-sit minghajr ma sar qbil formali fir-rigward ir-rati tax-xoghol;

"**4)** L-atturi pprezentaw rati ghax-xoghol ta' kisi u tibjid bil-miktub xi tlett xhur wara li bdew ix-xoghol u cioe fl-4 ta' April 2003 (**vide Dok PA1**);

"**5)** Hija prassi normali li xoghol bhal kisi u tibjid jigu mhallsa a bazi ta' rata u kejl, liema rata tigi miftiehma bejn il-kuntrattur u s-sid u sussegwentement approvata mill-Perit jekk ikun inkarigat jiehu hsieb il-*finishes* u mhux importanti li jsir kuntratt formali ghal dan ix-xoghol;

"**6)** Il-Perit ma kienx qabel mar-rati tax-xoghol ta' kisi bil-*gypsum,* zebgha esterna w interna li giet ipprezentata mill-atturi u talab lill-atturi sabiex jirrevedu dawn ir-rati jekk riedu jaghmlu dak it-tip ta' xoghol fuq dak il-progett;

[6] Xhieda moghtija fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2005 a fol 70 tal-process.
[7] esebit a fol.35 *et seq.*tal-process.
[8] Digriet moghti fis-seduta tas-26 ta' Frar 2004.

“**7)** Il-Perit ipprepara *bill of quantities* dettaljat fir-rigward ix-xoghol ta’ kostruzzjoni **(vide Dok DVX1**), kif ukoll stimi tax-xoghol ta’ kisi u tibjid ibbazati fuq il-prezzijiet tas-suq (**Dok DVX2);**

**“8)** Il-Perit kellu ordni stretta mis-sid sabiex ma jonfqux aktar minn Lm20,000 ghall-*finishes* u dan abbazi tal-istimi attwali li saru mill-istess Perit;

“**9)** Ma kienx hemm qbil mal-Perit fir-rigward uhud mir-rati sottomessi, partikolarment dawk li jikkoncernaw il-kisi bil-*gypsum,* zebgha esterna u nterna;

“**10)** Fejn il-Perit qabel mar-rati ta’ l-atturi dawn gew imqabbdin jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega u relatati ma dawk ir-rati u fil-fatt saru;

“**11)** Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni fuq il-kwalita’ tax-xoghol tal-atturi u l-Perit dan accettah. L-atturi thallsu akkont fl-ammont ta’ Lm2,900;

“**12)** Il-Perit kejjel ix-xoghol maghmul mill-atturi u hareg kont dwar ix-xoghlijiet awtorizzati minnu a bazi ta’ rati li kienu miftehma mal-atturi (**Dok DV4**);

“**13)** Meta l-atturi gew imwaqqfin mix-xoghol ta’ kisi bil-*gypsum,* jidher li dan gara peress li l-Perit ma kienx awtorizza dan ix-xoghol u dan fin-nuqqas ta’ qbil tar-rata jew prezz;

“**14)** F’dan il-progett inghataw varjeta’ shiha ta’ xoghlijiet lil diversi kuntratturi, sija b’kuntratt formali sija bi ftehim verbali (vide **Dok DVX3 sa Dok DVX6**), pero’ dejjem fuq accettazzjoni tar-rati jew prezzijiet mis-sid jew il-Perit ghan-nom tieghu;

“**15)** Fir-rigward it-tliet rati li dwarhom kien hemm kontestazzjoni, l-Perit ikkwota l-prezzijiet/rati attwali fuq is-suq ghal dawn ix-xoghlijiet li huma s-segwenti:

“Kisi bil-*gypsum* – Lm2.00 sa Lm3.00 kull metru kwadru;

“Zebgha gewwa (zewg passati) – Lm1.00 sa Lm1.50 kull metru kwadru;

“Zebgha barra (tliet passati) – Lm2.00 sa Lm2.50 kull metru kwadru.

“**<u>Konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku:</u>**

“Il-Perit Tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet li jirrigwardaw biss punti teknici u li jeskludu kwalsiasi punti ta’ natura legali:

“(i) Fl-opinjoni tieghu, l-atturi ma nghatawx appalt formali, pero’ gew imqabbdin jaghmlu xoghlijiet specifici mill-Perit David Vassallo, fejn l-

istess Perit kien accetta r-rati jew prezzijiet ta' l-atturi ghal dawk ix-xoghlijiet;

"(ii) Hu tal-fehma wkoll li l-atturi thallsu biss is-somma ta' Lm2,900 akkont. Mill-kejl li ha l-Perit Vassallo jirrizulta li l-hlas totali tax-xoghlijiet mwettqa mill-atturi kellu jkun ta' Lm5,755.60 u li b'hekk l-atturi huma dovuti s-somma ta' **Lm2,855.60;**

"(iii) Minkejja li ma kienux awtorizzati mill-istess Perit Vassallo, ix-xoghol ta' kisi bil-*gypsum* li lahqu ghamlu l-atturi qabel ma twaqqfu, ghandu jigi mkejjel u mhallas, bir-rata medja li ga giet ikkwotata minnu.

"Jigi rilevat li l-konvenut qaghad ghall-konkluzjonijiet tal-perit tekniku[9] filwaqt li l-attur ma ressaq ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward.

"Qed issir riferenza ghall-gurisprudenza assodata dwar il-valur probattiv tar-rapporti teknici maghmulin minn periti nominati mill-Qrati taghna bhala esperti fil-materja kif enunzjati fis-sentenza **John Saliba vs Joseph Farrugia,** Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; **Joseph Calleja nomine-vs-John Mifsud**, Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001); u "**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999;

"Din il-Qorti, fic-cirkostanzi ma ssibx raguni ghaliex m'ghandhiex taqbel mar-relazzjoni peritali sottomessa. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis u taghmel bhala taghha il-konkluzonijiet peritali dedotti mill-Perit Tekniku Godwin Abela fir-rapport tieghu li jaghti valur totali ta' **Lm2,855.60** bhala bilanc dovut lill-atturi tax-xoghlijiet imwettqa minnhom. Dan l-ammont hu rifless fil-kejl skont rati miftehma tal-istess Perit Vassallo esebit bhala **DOK DV4** a fol 62 tal-process.

"**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

"Illi l-azzjoni odjerna tinkwadra ruhha taht it-titlu ta' l-appalti.

"**L-Artikolu 1640** tal-Kodici Civili jaqra :-

"(1) "*Min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun diga' beda.*

"(2) *Jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skont ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt.*

"(3) *Jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-*

[9] Verbal fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2007.

*ispejjez ta' l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilita' ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li jkun sofra.*

"(4) *Kull somma moghtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inhall ghandha tigi applikata ghal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) ta' dan l-artikolu u l-appaltatur ghandu jrodd lil min ikun ta x-xoghol kull eccess li jirrizulta.*

"(5) *Il-kuntratt jinhall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-decizjoni tieghu li jholl il-kuntratt, u dan bla htiega ta' ebda awtorita' jew konferma mill-Qorti."*

"Minn dawn il-provedimenti jirriżulta illi kull min jagħti appalt, jista' jħoll x'ħin irid il-ftehim, anki jekk ix-xogħol ikun inbeda. Kif ġie ritenut mill-Prim Awla, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Alcasons & Company Limited *nomine* vs Tigne Development Company Ltd *nomine*"** tat-28 ta' Lulju 2004:-

> *"Id-distinzjoni waħdanija magħmula mil-liġi tagħna hija dwar jekk l-appaltant kellux raġuni tajba jew le biex iwaqqaf lill-kuntrattur mill-jkompli bix-xogħol."*

Fil-kawza **Mariano Sare' vs Antonio Ellul et** deciza fit-12 ta' Gunju 1953, il-Qorti tal-Appell qalet:-

> *"Ladarba l-appalt hu kuntratt sinallagmatiku, il-kondizzjoni rizoluttiva f'kaz ta' inadempjenza hija dejjem sottintiza (art. 1111 Kodici Civili); u ghad li l-ligi ma tghidux, id-debitur konvenut ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt ghandu jkollu d-dritt li jiddefendi ruhu bl-eccezzjoni ta' 'l-inadimpleti contractus', billi jopponi li l-attur hu inadempjenti; salv dejjem li jgib il-prova ta' dina l-inadempjenza"* (**Giorgi, Obbligazioni**, Vol. IV, numri 200 u 202)." (Vol. XXXVII.i.196).

"Fil-kaz odjern, filwaqt li jirrizulta li kien hemm ftehim ghal xoghlijiet specifici li kellhom isiru mill-atturi fuq rati ta' hlas miftehma, jirrizulta a soddisfazzjon tal-Qorti li ma kien hemm ebda ftehim ta' appalt fir-rigward tax-xoghlijiet li l-atturi qabbdu u ghamlu minn rajhom u minghajr ma waslu ghall-ftehim dwar ir-rati applikabbli.

"Philip Aquilina stess ammetta fix-xhieda tieghu li ma qabilx mar-rati ndikati mill-Perit fis-sens li mhux minnu li x-xoghlijiet normalment isiru bir-rati ndikati minnu. Dan juri bic-car li ma kien hemm ebda ftehim dwar rati applikabbli fir-rigward tax-xoghlijiet mhux awtorizzati bhall-kisi bil-gypsum. Dan il-fatt gie kkorroborat mis-sid Damon K. Rey. Is-sid kien ta struzzjonijiet cari lill-Perit li l-*budget* tieghu ma setax jigi ssuperat, u kif mexa l-istess Perit mal-kuntratturi l-ohra, mexa wkoll mal-atturi fis-sens li x-xoghlijiet gew ikkuntrattati biss wara li sar ftehim fuq ir-rati applikabbli.

“Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, u tenut kont il-kostatazzjonijiet tal-Perit Tekniku u x-xhieda u provi prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ma ppruvawx sal-grad rikjest mil-Ligi, li gew mqabbda biex jaghmlu xoghlijiet ohra fejn ir-rati applikabbli lanqas gew miftehma bejn il-partijiet.

“**XOGHOL TA' KISI TA' GYPSUM**

“Il-Perit Tekniku ikkonkluda li minkejja li ma kienux awtorizzati mill-istess Perit Vassallo, ix-xoghol ta’ kisi bil-*gypsum* li lahqu ghamlu l-atturi qabel ma twaqqfu, ghandu jigi mkejjel u mhallas, bir-rata medja li ga giet kkwotata minnu.[10] Din ir-rata ikkwotata hija ir-rata medja bejn Lm2.00 sa' Lm3.00 ghal kull metru kwadru, li din il-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri* fir-rata ta' €5.82 (Lm2.50) ghal kull metru kwadru.

“Madanakollu l-ammont dovut ma jistax jigi likwidat peress li ma sar ebda kejl tax-xoghol maghmul mill-atturi u din il-Qorti ser tillimita ruhha biss ghar-rata applikabbli.

“**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-konvenut tiddisponi mit-talbiet attrici billi:-

“**1. Tichad** l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut ma agixxiex abbuzivament meta waqqaf lill-atturi milli jkomplu jaghmlu xoghlijiet fuq il-fond imsemmi fic-citazzjoni;

“**2. Tilqa'** it-tieni talba in kwantu li tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' sitt elef, hames mija u wiehed u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€6,551.75) **(gja Lm2,855.60)** ghax-xoghlijiet elenkati fid-DOK DV4 esebit *a fol* 63 tal-process li qed tigi addottata minn din il-Qorti bhala parti ntegrali minn din is-sentenza, kif ukoll li l-atturi ghandhom jithallsu ghax-xoghol li ghamlu ta' kisi bil-*gypsum* fuq l-istess fond mertu ta' din il-kawza, bir-rata ta' hames ewro u tnejn u tmenin centezmu (€5.82) (gja Lm2.50) ghal kull metru kwadru wara li dan ix-xoghol jigi mkejjel.

“**3. Tilqa'** it-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt elef u hames mija u wiehed u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€6,551.75) hekk likwidata.

“L-ispejjez jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-konvenut u zewg terzi (2/3) mill-atturi.”

[10] It-Tielet Rakkommandazzjoni tal-Perit a Fol 43 tal-process.

Appellaw mis-sentenza allura l-konvenuti li talbu r-revoka tal-istess sentenza u li din il-Qorti tichad it-talbiet attrici.

**AGGRAVJI**

L-aggravju huwa essenzjalment wiehed u cioe` li l-Ewwel Qorti ikkonkludiet illi ma kien hemm ebda appalt kontrattat bejn il-partijiet u allura ma setghetx tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont li llikwidat l-istess Qorti fuq l-iskorta tal-perizja. L-appellant jilmenta ukoll li gie ikkundannat ihallas parti mill-ispejjez, izda dan l-aggravju huwa sa certu punt naturalment dipendenti fuq l-ewwel wiehed.

Fil-fatt l-appellant jaghmel enfasi hafna fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti cahdet l-ewwel talba; fi kliemu allura hija ma setghetx tiddikjara li huwa kellu jhallas lill-atturi ghax-xoghol li kienu lahqu ghamlu. Ezami akkurat tas-sentenza pero` juri li dan ma hux minnu. Infatti meta cahdet l-ewwel talba, il-Qorti ma qalitx illi ma kienx jezisti appalt jew xi forma ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet izda li;

***Tichad l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut ma agixxiex abbuzivament meta waqqaf lill-atturi milli jkomplu jaghmlu xoghlijiet fuq il-fond imsemmi fic-citazzjoni***;

Ghalhekk meta cahdet l-ewwel talba l-Qorti iddikjarat biss li l-konvenut ma agixxiex abusivament meta waqqaf lill-atturi mix-xoghol – anzi l-fatt li huwa waqqafhom ifisser li bejniethom kien hemm appalt anke jekk mhux wiehed shih ghax-xoghlijiet kollha, izda kif qalet l-istess Qorti f'parti precedenti tas-sentenza, *kien hemm ftehim ghal xoghlijiet specifici li kellhom isiru mill-atturi.* Lill-Qorti pero` irrizultalha li l-konvenut ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza kien gustifikat jwaqqafhom ghar-ragunijiet ben spjegati fis-sentenza li ma hemmx lok ikunu ripetuti.

Il-Qorti imbaghad strahet fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku kwantu ghall ammont dovut; f'dan ir-rigward, huwa fatt li l-Qrati taghna ghal diversi drabi qalu li huwa biss f'sitwazzjonijiet rari u f'sitwazzjonijiet partikolari fejn dan ma jsirx; per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et (23 ta' Gunju 1967)** fejn din il-Qorti qalet illi *ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijiet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistghux u ma ghandux, ... ...., jigi skartat facilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi irragonevoli.* Bl-istess mod il-Qorti (Prim Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit,** deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 u ikkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014,

u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v. Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta' April 2015 .

Kif qalet ukoll din il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Terres Co. Ltd. et v. L-Ghajn Construction Company Limited et, (28/04/2017**): *Kif kellha diversi okkazjonijiet ohra li taghmel, din il-Qorti tirrileva, li bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu, tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti.* F dan il-kaz allura mhux talli d-decizjoni finali kienet rifless tal-konkluzjonijiet peritali izda anke ta' deliberazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba ghaliex ma jezistux ragunijiet ghal dan. L-istess Qorti fis-sentenza taghha moghtija fid-9 ta' Frar 2001, fl-ismijiet **Benjamin Camilleri nomine v. Charles Debattista nomine** *Din il-Qorti ta' revizjoni kienet ukoll fl-istess posizzjoni bhall-ewwel Qorti, u setghet, u kellha biss tikkonduci l-ezercizzju biex tiddetermina jekk fl-aggravju tal-konvenut nomine kienux jirrizultaw xi elementi li gravement jiskossaw ir-relazzjoni peritali u il-prova li tali relazzjoni kienet tikkostitwixxi fil-process tal-prim'istanza.*

Kwantu ghall ispejjez allura l-Ewwel Qorti ukoll agixxiet korrettament meta akkollat terz tal-ispejjez lill-appellant ladarba dan kien circa l-proporzjon tal-ammont akkordat minn dak reklamat fil-kors tal-kawza mill-appellati u dan b' applikazzjoni tal-Artiklu 223 tal-Kap. 12..

**DECIZJONI**

Din il-Qorti ghalhekk tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata, kompriz il-kap tal-ispejjez. L-appellanti ghandhom ihallsu ukoll l-ispejjez ta' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr